MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2008

Numru 445/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen J. Gatt)**

**vs**

**Emanuel Attard**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Emanuel Attard** bin Pietru u Josephine Gatt, imwieled Haz-Zebbug, Malta, residenti Shangru-La, Triq is-Sindku P. Vella, Haz-Zebbug, u detentur tal-karta tal-identita' numru 36553M;

Talli fl-14 ta' Mejju 2005, u/jew gewwa tas-Sliema ghall-habta tal-5:55pm flimkien ma persuna ohra mhux maghrufa, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' serq mill-fond numru 26, Ramsey, Triq Dun Karm Galea, Sliema, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta'

dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u independenti mill-volonta’ tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltin, bil-lok, bil-mezz ghad-detriment ta’ Maria Leaver, persuna anzjana ta’ aktar minn sittin sena;

Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharaq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ hsara fil-fond 26, Triq Dun Karm Galea, Sliema, liema hsara ma tiskorriex il-hamsin lira Maltin imma izjed minn ghaxar liri Maltin ghad-detriment ta’ Mary Leaver.

Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq PS 1136 F. Fleri u PS 502 A. Mizzi, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dan is-servizz.

Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PS 1136 F. Fleri u PS 502 A. Mizzi, persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;

Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi flimkien ma persuna dahal fil-fond 26, Triq Karm Galea, Sliema, jew lok iehor jew f’recint b’wiehed mill-mezzi msemmija fl-artikoli 264, 265 u 266 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan bi ksur tal-artikolu 330 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ikkaguna offiza hafifa fuq il-persuna ta’ PS 1136 u PC 502 A. Mizzi hekk kif iccertifika Dr. Chris Muscat M.D. tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira;

Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jigifieri lil PS 1136 F. Fleri

u PC 502 A. Mizzi, jew ma hallihomx, jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fid-dmirijiet taghhom billi ma hallix lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b’xi mod iehor li jkun.
Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi bi hsara ghal Mary Leaver, ghamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta’.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-avukat generali tal-24 ta’ Gunju 2005 li permezz tieghu baghat lill-imptat biex ikun gudikat minn din il-Qorti kif ukoll in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha, l-imputat ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.  Din il-Qorti, wara li hadet in konsiderzzjoni l-ammissjoni tal-imputat fl-assjem tal-provi mressqa, tikkonsidra l-akkuzi debitament pruvati kontra l-istess imputat u ghalhekk qed issibu hati;

Wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(e), 263 sa 267, 269, 279 sa 281, 325, 95, 96 u 98, 330, 214 221, 221(1)(c), 338 (ee) u 340(d) tal-Kap 9;

Wara li rat il-fedina penali relattivament nadifa tal-imputat u ezaminat bir-reqqa il-*presentencing report* tal-ufficjal tal-probation esebit in atti a fol 124 sa 135, tqis illi piena karceraja mhix idonea ghall-fatti specie tal-kaz u ghalhekk, bl-applikazzjoni tal-artikolu 18 tal-Kap 446 u wara li rat illi jikkonkorru l-elementi tal-artikolu 11 tal-Kap 446, qed taghmel fil-konfront tieghu ordni ta’ probation u servizz  u tqieghed lill-imputat taht is-sorveljanza ta’ ufficjal ta’ probation ghal-perjodu ta’ tlett (3) snin mill-lum skond l-artikolu 7 tal-Kap 446 kif ukoll li jaqdi ordni ta’

servizz fil-kommunita’ billi jwettaq mitt (100) siegha xoghol skond l-artikolu 11 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbigi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------